MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Numru 164/2000

Il-Pulizija
(Spettur Raymond D'Anastas)
vs
Carmel Agius

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Carmel Agius; li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-12 ta' Marzu, 1999 ghall-habta tas-7.30 p.m gewwa B'Kara Hill, San Giljan :

1. Naqas li jiehu hsieb jew kura tal-kelb tieghu li hebb ghal Michele D'Amore u kkagunalu griehi ta' natura gravi skond ma iccertifika Dr R Chircop MD ta' l-isptar San Luqa u ghalhekk huwa kkunsidrat li hu kelb perikoluz;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li zzomm il-kelb tieghu marbut jew ma kienx f'idejn

persuna li kapaci zzommu milli jdejjaq lin-nies jew milli jahbat ghan-nies;

Il-Prosekuzzjoni titlob lill-Qorti sabiex jekk jinstab hati, il-Qorti tiehu l-provvedimenti kollha mehtiega skond l-Att XX1 tan-1985 (Ordinanza Dwar il-klieb) Art 14 (1) (2) (3) u (4);

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-15 ta’ Gunju, 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) Fl-Artikoli 226 (a), 20, 339 (d), 339 (e), 339 (1) (g), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 11 u 14 tal-Kap. 40;
u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi certu Michele Amore f’data li ma ftakarhiex ezatt meta xehed f’dawn il-proceduri qal illi huwa kien hareg bil-kelb ghall-passiggata filghaxija ghall-habta tas-sebgha ta’ filghaxija. Huwa kien f’B’Kara Road San Giljan, mar wara d-dar tieghu, fejn hemm spazju, fejn suppost kellha tinbena dar u kif umbaghad kien qieghed jaqsam it-triq sabiex jirritorna d-dar tieghu gie imbuttat f’nofs it-triq u imwaqqa ma l-art minn kelb illi skond hu kien ‘pit bull terrier’, kelb tal-glied. Is-Sur D’Amore xehed illi l-kelb tieghu iddefendih meta sabu ma l-art ghaliex dan il-kelb il-‘pit bull terrier’ kien ser jattakalu ghonqu. Huwa qam immedjatament u dan il-kelb gidem il-kelb tieghu bejn widintu u ghonqu. Effettivament il-kelb tieghu kellu bejn erbgha u hames toqbiet bejn widnejh u

bejn ghonqu u kellu jigi medikat minn veterinarju Dr Vella. Is-Sur D'Amore kompla jixhed illi huwa talab l-ghajnuna u hafna nies waqfu, waqfu zewg irgiel bil-karozza, qabdu bicca hadida, jew bicca injama u taw daqqa fuq dan il-kelb li kien qieghed jattakka l-kelb tieghu. Is-Sur D'Amore kompla izid illi mhux kelb wiehed kien hemm 'pit bull terrier', kelb tal-glied, izda tnejn u dawn iz-zewgt irgiel illi waqfu taw l-ghajnuna kemm lilu, kif ukoll lill-kelb tieghu, li kienu qeghdin jigu attakkati minn dawn iz-zewgt iklieb. Is-Sur D'Amore kompla jixhed illi kif qam mill-art sab illi kellu l-gilda ta' idejh il-leminija li taghti mill-ispalla ghall-minkeb kollha imqaccta. Skond hu dan rah ukoll il-pulizija. Is-Sur D'Amore kompla jghid jiddewwa l-isptar San Luqa, id-Dipartiment ta' l-Emergenza fejn hadulu x-tray. Huwa esebixxa certifikat li inhariglu mill-emergency department ta' l-isptar San Luqa. Is-Sur D'Amore kompla jixhed illi fortunatament il-klieb ma gibmuhx peress illi l-kelb tieghu iddefendih, izda li gara kien li l-klieb qabzu minn warajh, gew minn wara dahru u qalbuh u waqghuh ma' l-art. Is-Sur D'Amore esebixxa wkoll certifikati mahrugin minn St Philip Hospital u qal illi konsegwenza ta' dan l-incident hajtu inbiddlet u dana peress illi huwa lemini u idu il-leminija intlaqtet permezz ta' dan l-incident. Huwa qabel kien jahdem full time mat-TMT Bulebel. Xogholu kien juza idejh peress li kien jaghmel xoghol ta' natura mekkanika u konsegwenza ta' dan l-incident huwa tilef l-impjieg tieghu. Is-Sur D'Amore xehed illi b'kollox dam marid erba' jew hames xhur. Is-Sur D'Amore esebixxa wkoll diversi certifikati medici u esebixxa wkoll ir-rizenja tieghu mix-xoghol. Is-Sur D'Amore kompla jghid illi l-klieb hargu minn taht il-grada tad-dar proprjeta ta' l-imputat fuq imsemmi. Huwa xehed ukoll illi l-klieb kienu jitilghu u jinzlu fil-proprjeta ta' sidhom, jigifieri ta' l-imputat fuq imsemmi u kienu jinbhu lil kull min jghaddi mit-triq. Pero' dakinhar ta' l-incident kienu hargu minn taht il-grada ghaliex hemm speci ta' spazju, speci ta' net illi meta l-klieb jimputtawha jistghu johorgu barra fit-triq u anke wara li gie aggredit, is-Sur D'Amore xehed illi ra lil dawn il-klieb barra fit-triq. Huwa kompla jghid illi ghadu jewden b'dan l-incident illi ghadda minnu bil-lejl.

Illi xehed Anthony Grech li jirrisjedi B'Kara Hill St Julians u qal illi aktar kmieni fis-sena 1999 gara incident. Huwa dakinhar kien fil-kcina tad-dar tieghu, sema' hafna hsejjes, hafna storbju ta' imbiegh ta' klieb u semgha bniedem jokrob bl-ugigh. Il-hin kien xit-tmienja ta' filghaxija. Huwa hareg barra, ra hafna vetturi. It-triq fil-fatt kienet imblukkata peress illi skond dan ix-xhud il-kelb ta' l-imputat fuq imsemmi kien barra u kien hareg minn gol-ghalqa, qabez minn fuq ic-cint. Pero' dana mhux ghax rah hu, imma ghaliex haseb illi hekk gara. Is-Sur Grech xehed illi l-kelb ta' l-imputat rah barra u ra lit-Taljan jokrob bl-ugigh imiss spaltu. Rah intelaq mal-bankina u strah mal-poggaman tal-grada tad-dar tieghu. Huwa qal illi t-Taljan ma jafx x'jismu, pero' jgharrfu di vista u qatt ma kien kellmu qabel. Pero' xehed illi jaf illi l-kelb hu tal-imputat fuq imsemmi. Is-Sur Grech kompla jixhed illi l-kelb tat-Taljan kellu d-demm iqattar minn wara widnejh. Il-kelb tat-Taljan huwa 'Labrador', izda ma jafx x'razza hu l-kelb tal-imputat. Ix-xhud kompla jghid illi l-kelb tal-imputat huwa kbir u il-kelb tat-Taljan ukoll huwa kbir.

Illi xehed PS 621 Pierre Calleja fis-sens illi fit-12 ta' Marzu, 1999 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija ircevew telefonata l-ghassa ta' San Giljan fejn gew infurmati illi zewgt iklieb kienu attakkaw persuna. Huma marru fil-post indikat lilhom. Is-Surgent 621 Pierre Calleja mar fuq il-post u staqsa lill-girien ghaliex dak il-hin ma ra xejn barra u gie infurmat illi kien hemm persuna li kienet toqghod B'Kara Road, San Giljan, ghamel l-investigazzjoni tieghu u sab lil din il-persuna, dahal ghandu d-dar u sabu migugh hafna u dan qallu illi kien gie aggredit minn zewgt iklieb 'pit bull terriers'. Is-Surgent kompla jixhed illi dan ir-ragel indikalu ta' min kienu dawn il-klieb u huwa mar fil-post indikat lilu u hemm hekk sab lill-imputat fuq imsemmi, illi qallu illi l-klieb tieghu dejjem ikunu marbutin u cahad illi l-incident kien gie ikkagunat mill-klieb tieghu.

Illi xehed Dr Ivan Esposito illi kien ikkura lil Michele D'Amore u qal illi kien opera fuq is-Sur D'Amore u l-operazzjoni kienet success. Huwa ma ftakarx illi ralu marki tal-gdiem lis-Sur D'Amore. Ralu griehi bhal meta

bniedem ikun imkaxkar ma l-art. It-tabib xehed illi ftakar illi s-Sur D’Amore kien qallu illi l-incident gara meta l-kelb tieghu kien sefgha attakkat minn zewgt iklieb ohrajn u huwa kien gie migbud mill-klieb u imkaxkar ma l-art.

Illi xehed Dr Pierre Vassallo illi ukoll kien ikkura lis-Sur D’Amore u qal illi s-Sur D’Amore kellu tendon imcarrat, parti mill-gog ta’ spaltu miksur u kellu evidenza illi qabel l-incident in kwistjoni spaltu kienet slugata, jigifieri spaltu tal-lemin kienet diga slugata qabel ma sehh dan l-incident u dana ghaliex l-ispalla meta tisloga ruha terga tidhol lura f’postha waheda, mentri f’dan il-kaz meta taghmel hekk thalli tracci li kienet allura slugata minn qabel kif fil-fatt irrizultalu fil-kaz tas-Sur D’Amore. Dr Vassallo kompla jixhed illi la darba l-ispalla tas-Sur D’Amore kienet diga slugata allura t-tendenza li terga tigi slugata dik l-istess spalla tkun ferm aktar minn ta’ bniedem li ma kien gralu xejn qabel.

Illi xehed ukoll Dr Malcolm Crockford illi wkoll kien ezamina lis-Sur D’Amore. Dr Crockford xehed illi qabel ma s-Sur D’Amore kien ghamel l-operazzjoni ma kienx ezaminah u ma kienx ra l-ebda x-ray. Huwa ezaminah u ha x-rays wara li saritlu l-operazzjoni u skond hu l-imputat ma kellux l-ispalla slugata qabel ma sehh l-incident in kwistjoni. Dr Crockford xehed illi kien ghad fadal ftit tal-hsara anke wara li saret l-operazzjoni lis-Sur D’Amore. Wahda mill-ghadam miksurin ma kienitx ghadha ghaqdet meta ezaminah hu. Deherlu wkoll illi kien hemm likwidu probabbilment demm fil-goga stess. Dr Crockford xehed illi jaf ukoll illi ittiehdet xi CT scan tas-Sur D’Amore illi ovvjament kienet dahlet aktar fid-dettal mill-x-rays illi hadlu hu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti hatret lil Dr Mario Scerri bhala espert forensiku sabiex jezamina lil Michele D’Amore u jirrelata dwar il-feriti illi sofra s-Sur D’Amore meta dana allegatament gie attakkat minn zewgt iklieb.

Illi Dr Mario Scerri ikkonkluda illi wara li sar l-intervent kirurgiku fuq Michele D'Amore il-gog baqa stabbli u ma kienx hemm episodju iehor ta' "subluxation".

Illi kien hemm limitazzjoni fil-moviment tad-drigh tal-lemin tas-Sur D'Amore.

Illi maz-zmien ic-'change of movement' fil-gog tista u probabbilment jizdied, izda jista jkun illi Michele D'Amore qatt ma jkollu l-istess 'complete range of movement' fil-gog bhalma kien igawdi qabel l-incident li sehh fit-13 ta' Marzu, 1999.

Ikkunsidrat :

Illi xehed it-tabib veterinarju Dr Carmel sive Lino Vella u qal illi ma jistax jiftakar jekk ghall-habta ta' Marzu 1999 kienx gie riferut lilu kelb tas-Sur Michele D'Amore isofri minn xi gidma. Huwa qal li ma jistax jiftakar il-kaz partikolari jekk ma jarax certifikat illi jkun irrilaxxja hu stess. Huwa kompla jixhed illi l-isem Michele D'Amore ma jfakkru f'xejn.

Illi xehed is-Sur Robert Chircop, kirurgu, illi kien ezamina lil Michele D'Amore u qal illi s-Sur D'Amore kellu brix fuq spaltu kompattibbli ma waqgha fuq l-ispalla. Huwa xehed illi ghamillu l-x-rays u ma kienx hemm evidenza ta' ksur u allura iccertifikaw l-'injuries' bhala 'slight nature'.

Illi xehed Tony Balzan, 'managing director'. Huwa qal illi Michele D'Amore kien jahdem maghhom, xogholu kien jirrekjedi 'manual work' u skond dan ix-xhud Michele D'Amore kien qalilhom illi x-xoghol kien ta' strapazz wisq ghalih u ghalhekk xtaq jitlaq mix-xoghol. Is-Sur D'Amore kien gablu certifikati fis-sens li kien indispost. Huwa xehed illi huwa ma kecciex lis-Sur D'Amore mix-xoghol, izda kien is-Sur D'Amore illi irrizenja volontarjament mix-xoghol.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi, minn jeddu u bil-gurament, u qal illi l-entratura tar-residenza tieghu tinsab f'B'Kara Road San Giljan. Huwa xehed illi fiz-zmien in

kwistjoni magenb il-proprjeta tieghu kien hemm proprjeta ohra li kienet art u li issa qeghda tinbena. Din il-proprjeta fiz-zmien in kwistjoni kienet maghluqa bil-hajt u kien hemm ukoll grada. Il-grada kienet gholja u biex titla maghha trid tiddendel u kienet tinzel ma l-art. L-imputat kompla jixhed fis-sens illi l-art li kien hemm wara l-proprjeta tieghu kien hemm access ghaliha, jigifieri mill-art tista tghaddi ghad-dar tieghu. Minbarra t-triq, jekk il-gate tkun maghluqa, ma kontx tista tidhol fil-prorpjeta li hu kellu wara d-dar tieghu, u ovvjament bil-gate maghluq lanqas stajt tohrog mill-proprjeta. L-imputat kompla jghid illi fiz-zmien in kwistjoni kellu zewgt iklieb, kelb u kelba, li kienu u ghadhom ghandu sal-lum u dawn kienu tar-razza mastiff u ghandu l-licenzja taghhom, kif kellu wkoll il-licenzja taghhom fiz-zmien in kwistjoni. Il-licenzja kienet ghal dawn iz-zewgt iklieb. L-imputat kompla jixhed illi meta allegatament gara l-incident in kwistjoni, fis-sebgha u nofs ta' filghaxija, dak iz-zmien huwa kien jispicca mix-xoghol f'xil-hamsa, kien jidhol id-dar, jiekol u fil-fatt dakinhar hekk ghamel. Umbaghad fis-sebgha u kwart halla l-klieb fil-proprjeta tieghu stess. L-imputat kompla jixhed illi hu qabel il-klieb kienu marbutin, wiehed fejn id-dar u l-iehor fl-ghalqa ta' fuq, marbutin b'katina. Meta hallihom, grew zewg girjiet mal-proprjeta tieghu u huwa kien maghhom, kien qieghed jarahom il-hin kollu, umbaghad rabathom u tahom jieklu. L-imputat kompla jixhed illi meta rabat il-klieb tieghu kienu xis-sebgha u nofs ta' filghaxija, u rabat kelb wiehed hdejn id-dar u l-iehor aktar 'il fuq. Huwa kompla jixhed illi qabel ma rabathom ra vettura tal-pulizija li waqfet fejn il-gate l-ohra ta' l-entratura tieghu, dik ta' B'Kara Road. Gie il-pulizija fuqu u qallu "Ghandek rapport", u hu qallu "Dwar x'hiex?" u l-pulizija qallu "Fis-sens illi hargulek il-klieb barra mill-proprjeta tieghek u ghamlu ghal xi hadd". L-imputat kompla jghid illi meta kienu qeghdin ikellmuh il-pulizija il-klieb kienu hdejh u l-pulizija rawhom hdejh. Skond hu kien hemm zewg pulizija dakinhar li kienu gew mill-ghassa ta' San Giljan. L-imputat kompla jixhed illi huwa qal lis-Surgent illi ma setghax ikun dak illi kien qieghed jghid hu ghaliex il-klieb tieghu kienu il-hin kollu mieghu fil-proprjeta tieghu. Huwa staqsa lis-Surgent min kien ghamel dan ir-rapport u s-Surgent qallu li ma setghax jghidlu min. L-imputat kompla

jixhed illi wara li telqu l-pulizija rabat il-klieb u tahom jieklu. Il-pulizija hadulu l-particulars tieghu u telqu. Izda umbaghad huwa mar l-ghassa minn jeddu. Mar l-ghassa l-ghada, kien hemm pulizija iehor u huwa qalilhom "imma intom gejtu tithawwlu fil-post" u wiehed mill-pulizija qallu "Iva gejt nittawwal u ma rajt xejn, mar rajtx klieb" u qallu li kien gie jittawwal dakinhar stess. L-imputat kompla jixhed illi meta irritorna mix-xoghol dakinhar ta' l-incident il-gate kienet maghluqa u baqghet il-hin kollu maghluqa. Huwa sostna illi l-klieb qatt ma setghu johorgu minn taht il-gate illi kellu fiz-zmien in kwistjoni. Huwa xehed ukoll illi qatt ma kellu klieb tar-razza "pit bull terriers". Huwa ghandu "mastiffs" u mhux "pit bull terriers". Huwa xehed illi l-"mastiffs" huma klieb baxxi u huma ikbar mill-" pit bull terriers" illi ghandu hu. L-imputat kompla jixhed illi lis-Sur D'Amore jafu u gieli kienu tkellmu. Huwa jaf illi s-Sur D'Amore ghandu kelba tal-Wolf u ma setghax jifhem ghal fejn is-Sur D'Amore kien indika lill-pulizija illi l-klieb tieghu hargu minghandu, mill-proprjeta tieghu. L-imputat kompla jixhed illi fl-inhawi hemm klieb ohrajn, ma jafx x'razza huma ghaliex hemm hafna klieb, kollha jigru barra fit-triq. Huwa kompla jixhed illi gieli anke klieb tal-Wolf ikun hemm jigru barra t-triq.

Ikkunsidrat :

Illi rega' xehed is-Surgent 61 Pierre Calleja u xehed illi kien mar ghand il-vittma meta sar jaf bir-rapport illi kienet ghamlet, ma ftakarx jekk kienx mar ghand l-imputat izda jaf illi kien kellmu lill-imputat. Is-Surgent Calleja kompla jixhed illi jaf illi l-imputat ghandu zewgt iklieb u ghandu wkoll il-licenzja ghalihom. Ma ftakarx jekk rax lill-klieb dakinhar jew le, izda qal illi drabi ohra kien ra zewgt iklieb ta' lewn kannella. Huwa xehed illi huwa joqghod f'dawk l-inhawi u gieli ra l-klieb ta' l-imputat mahlulin u mhux marbutin, izda dejjem rahom wara l-gate u mhux barra l-gate. Huwa xehed illi qatt ma ra lill-klieb marbutin, izda dejjem rahom mill-gate 'il gewwa u mhux mill-gate 'il barra.

Illi xehdet ukoll mart l-imputat Anna Agius u qalet illi hija u zewgha ghandhom zewgt iklieb tar-razza mastiff. Hija

xehdet illi qabel ma gie zewgha id-dar il-klieb kienu marbutin ghaliex huma dejjem jorbtuhom il-klieb. Wiehed kien fil-front garden u l-iehor kellu kamra ftit ‘il boghod mill-iehor, kienu marbutin bil-katina. Hija dahlet taghmel ftit te lil zewgha u zewgha hall il-klieb kif dejjem jaghmel meta jigi d-dar. Hija xehdet illi meta zewgha hall il-klieb, il-klieb qaghdu jigru fl-ghalqa kbira li ghandom maghluqa quddiem il-bieb ta’ barra u hija xehdet li hemm ukoll zewg xatbiet illi jghalqu din l-ghalqa. Anna Agius kompliet tixhed illi meta l-klieb ikunu qeghdin jigru, zewgha ikun jista jarahom minn fejn ikun, u z-zewg gates li ghanhom huma tal-hadid. Hija xehdet illi l-klieb ma jistghux jghaddu minn taht il-grada ghaliex il-grada hija baxxa u ghalhekk peress li l-klieb huma kbar fid-daqs ma jistghux jghaddu minn taht il-grada. Hija xehdet illi ftit hin wara illi kienet ghamlet it-te lir-ragel taghha gew il-pulizija. Qalulhom b’dak illi kien gara lis-Sur D’Amore u skond ix-xhud, li kienet qeghda tara kollox mit-tieqa, meta l-pulizija gew ikellmu lir-ragel taghha il-klieb kienu hdejn ir-ragel taghha. Kif telqu l-pulizija zewgha rabat il-klieb u tahom jieklu bhalma dejjem jaghmel. Ix-xhud kompliet tghid illi fejn joqghodu ikun hemm hafna klieb jiggerrew mat-toroq u jigu anke wara l-grada taghhom.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi tal-prosekuzzjoni, u senjatament mix-xhieda tas-Surgent Pierre Calleja, illi fl-inhawi fejn gara l-incident in kwistjoni hemm hafna klieb li jkunu qeghdin jiggerrew mas-saqajn u ghalhekk il-Qorti tara li ma giex ippruvat sal-grad rikjest mill-Ligi u cioe’ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi kienu l-klieb ta’ l-imputat illi attakkaw lil Michele D’Amore.

Illi dan kollu irid jigi wkoll ikkunsidrat fid-dawl tax-xhieda li ta l-istess vittma Michele D’Amore li xehed li l-kelb li attakkah kien ‘pit bull terrier’, mentri irrizulta mill-provi prodotti illi l-klieb ta’ l-imputat mhumiex ‘pit bull terriers’ izda huma klieb tar-razza ‘mastiff’ li huma klieb differenti minn ‘pit bull terriers’ anke ghal dak illi jirrigwarda il-‘built’ ta’ dawn il-klieb.

Illi, wkoll, kemm l-imputat, kif ukoll martu, xehdu illi sal-hin meta inqala l-incident in kwistjoni il-klieb ta' l-imputat kienu dejjem taht ghajnejhom u fl-ebda hin ma hargu mir-residenza ta' l-imputat.

Illi irrizulta wkoll illi wara l-proprjeta ta' l-imputat hemm 'building site' u ghalhekk l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbilita illi l-klieb illi attakkaw lill-imputat setghu kienu klieb illi gew mid-direzzjoni tal-proprjeta tieghu, izda ma kienux klieb tieghu izda klieb randagi, 'stray dogs'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, kif ukoll minhabba li jezisti konflitt ta' provi, il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxielhiex tipprova l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fuq imsemmi u ghaldaqstant qeghda **tillibera** lill-imputat minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------